# San Ġużepp fil-Ħamrun (2)

minn Raymond Saliba

Fil-ktejjeb tal-festa tas-sena l-oħra, konna tajna ħarsa lejn kif żviluppat id-devozzjoni lejn San Ġużepp fl-inħawi ta' dak li hu llum magħruf "Il-Ħamrun"[1], naturalment dak in-nhar, medda ferm aktar t'art, tant li minnha kienu saru diversi parroċċi. Li se nagħmlu f'din it-tieni parti, hu biss li niġbru l-opri artistiċi konnessi ma' San Ġużepp li jinsabu fil-knejjes jew għand istituzzjonijiet oħra Ħamruniżi.

**Fil-Knisja Parrokkjali ta' San Gejtanu**

Hawn kif mistenni, San Ġużepp daħal mill-ewwel għaliex kif rajna qabel il-poplu ta' dawn l-inħawi kellhom il-ħsieb li l-knisja tkun iddedikata lilu[2].

L-artal ta' San Ġużepp jinsab f'post prominenti fil-korsija tan-naħa tax-xellug ta' l-artal maġġur il-Pittura fuq l-artal tirrappreżenta lil Ġużeppi qed iżomm lit-tfajjel Ġesù fil-ħanut tax-xogħol ġewwa Nazareth.

Huwa xogħol tal-Pittur ċelebri Malti Ġużeppi Calì li tpinġa qrib l-1884[3]. Dan il-kwadru ferm sabiħ, iżda li ftit hu apprezzat, jista' jitqies bħala wieħed mill-aħjar xogħol tiegħu f'dawk li huma kwadri fil-knejjes, ispirat mix-xogħol ta' Morelli[4]. Fin-naħa t'isfel fuq ix-xellug, hemm l-arma tal-familja Attard u fiha l-isem ta' Antonio, il-benefattur tal-kwadru.

Pittura oħra li turi lil San Ġużepp hi dik tal-'Apside' fiċ-ċentru tal-kor. Turi fin-nofs lil Kristu fuq it-tron bħala l-bidu u t-tmiem, b'San Gejtanu fuq naħa u n-naħa l-oħra lil Marija u Ġużeppi. Il-figuri huma ta' kobor konsiderevoli u sbieħ fl-esikuzzjoni tagħhom, xogħol il-pittur magħruf Malti Emvin Cremona fl-1971[5]. Kif mistenni wkoll, hawn insibu statwa proċessjonali tal-qaddis li tixbah fl-għamla tagħha lil parti l-kbira tal-vari ta' San Ġużepp li nsibu fil-knejjes u t-toroq tagħna. S'issa la nafu sewwa min għamilha u anqas meta saret, iżda jinħass fiha l-istil ta' Ġlormu Darmanin[6]. Hi xogħol sabiħ fil-kartapesta.

**Ġewwa knejjes oħra**

Fil-parroċċa l-oħra tal-Ħamrun, dik tal-Kunċizzjoni, insibu statwa ta' San Ġużepp differenti minn dawk tradizzjonali. Hawn il-qaddis mhux qed jerfa' lit-tfajjel tarbija, iżda qed jimxi ma' Ġesù aktar kbir fl-età.

Statwi oħra nsibuhom fil-knisja ta' San Franġisk ta' Villambrosa u fil-kappella tad-Dar tal-'Little Sisters of the Poor'. Din hi xogħol taljan fuq disinn ta' E. Cremona. Fil-knisja tas-Samra insibu artal dedikat lil San Ġużepp[7] flimkien ma' statwa mhix kbira li tinsab fuq ix-xellug ta' l-artal maġġur.

Il-pittura fuq l-artal turi lil Ġużeppi bħala mastrudaxxa fil-preżenza ta' Marija u t-tfajjel Ġesù u hija xogħol interessanti ta' nofs is-seklu 17 jew tas-seklu 18. Fil-knisja tad-Duluri fin-naħat ta' Farsons, meta kienet għadha fil-post l-antik, kien hemm statwa ta' San Ġużepp żgħira magħmula mill-kartapesta. Meta fetħet il-knisja l-ġdida f'Ta' Rabbat l-istatwa ma tpoġġietx fil-knisja.

### Każin tal-Banda San Ġużepp

Anke hawn, kif wieħed jista' jipprevedi, nsibu aktar xbiehat ta' San Ġużepp, li għad unur tiegħu, sa mil-bidu, twaqqfet is-Soċjetà[8]. Interessanti naraw li qabel l-inawgurazzjoni tal-każin, ġiet irregolata statwa tal-qaddis padrun. Din għadha tinżamm b'għożża fil-każin sal-lum, eżattament fin-nofs tas-Sala l-Kbira tal-pjan terran. Hija xogħol l-iskultur Vincenzo Dimech u maħduma mill-ġebel[9].

Sabiħa wkoll hija l-pittura ta' Emvin Cremona li tinsab fis-Sala tal-Kumitat, li turi lil Ġużeppi bit-tfajjel Ġesù.

### Statwi fit-toroq

Meta niġu għall-istatwi ta' San Ġużepp fit-toroq tal-Ħamrun, preżenti insibu mhux anqas minn sitta, xhieda oħra tad-devozzjoni u popolarità li jgawdi f'dawn l-inħawi[10]. Fil-fatt wara dawk bix-xbiehat tal-Madonna, l-aktar numerużi jiġu dawk lil San Ġużepp, li jgħaddu saħansitra lil dawk ta' San Gejtanu, l-Padrun tal-Parroċċa l-aktar antika.

Nibdew mill-parti l-aktar antika tal-Ħamrun, fin-naħat tas-Samra. Fi triq id-Duka ta' Edinburgh, quddiem Triq il-Vittorja għandna statwa f'niċċa miżmuma tajjeb, xogħol fil-ġebla u mogħtija l-kulur. L-Arċisqof Pietro Pace fl-1910 kien ta indulġenzi lil min jirreċita t-talb quddiemha. Qrib tagħha f'kantuniera bejn triq San Gejtanu u Triq Anton Buttigieg għandna statwa oħra miżbugħa bil-kuluri, sabiħ ħafna wkoll xogħol tal-ġebel. Fl-1888 l-Isqof Buhagiar kien ta wkoll indulġenzi. Fl-istess triq San Gejtanu, għandna niċċa oħra devota u sabieħa fuq dar nru. 246. Din ukoll ġiet mogħtija indulġenzi mill-Arċisqof Pietro Pace fl-1895.

Niċċa oħra devota u miżmuma tajjeb hi dik fuq dar nru 10 fi Triq Adelaide Cini. Hi niċċa bi statwa żgħira u sempliċi. Statwa sabiħa ferm hi dik li tinsab fuq mensola f'kantuniera fi Triq Villambrosa ma' Triq id-Duluri. Fl-istess triq Villambrosa, kantuniera ma' triq Ġuże Pace għandna statwa oħra fuq mensola li sfortunatament tinsab fi stat ħażin ħafna, b'parti sewwa mikulha bil-melħ u b'ras San Ġużepp nieqsa.

Dawn kienu x-xbiehat marbuta ma' San Ġużepp li l-aktar li jidhru jew jistgħu faċilment jintlaħqu. Ċerti li barra dawn jinsabu oħra, b'mod speċjali f'kunventi jew djar privati. Minn dan jidher kemm il-Ħamrun u San Ġużepp huma qrib ta' xulxin b'rabta li ma tinħallx.

### NOTI U RIFERENZI


1 Raymond Saliba, San Ġużepp fil-Ħamrun, ktejjeb tal-festa ta' San Ġużepp – Rabat 1993, pp.40-42.

2 Ibid., p.40.

3. Emmanuel Fiorentino-Louis A. Grasso, Ġużeppi Calì (1846-1930), Malta 1991, p.34. Ara wkoll Edwin A. Camilleri, Ġużeppi Calì, Malta 1991, p.31. Hawn l-awtur jagħtu d-data c.1885.

4 Fiorentino-Grazzo, cp.cit., pp.34-35. Fuq l-infulwenza ta' Domenica Morelli (1823-1901), fix-xogħol ta' Calì ara: Ibid., p.2.

5 Alfie Guillaumier, Bliet u rħula Maltin, nru. 11, p.294.

6. Statwa oħra ta' l-istess qaddis li tixbah ħafna lil din tal-Ħamrun, hi dik fil-Parroċċa Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ, xogħol Glormu Dingli.

7. Nafu li sa mis-seklu 17 diġa kien hemm dan l-artal, flimkien ma' erba' oħra. Ara: Knisja tas-Samra–Ħamrun. Tifkira tal-festi ċinkwantenarji, 1630-1980, p.9 seg.

8. Joseph Mifsud Matrenza, Għaqda Mużikali San Ġużepp – Ħamrun (1889-1989), 1989.

9. Ibid., p.6.

10 Tony Terribile, "Hawn niltaqgħu ma' San Ġużepp", Ġublew tal-Fidda (1963-1988), Rabat 1988, p.33.


N.B. Inrodd ħajr lis-Sur Tony Terribile għal kollaborazzjoni tiegħu.